CHAMPIONS LEAGUE – II LEG I RD TA' KWALIFIKAZZJONI

# Birkirkara jidħlu fl-istorja

| 4 BIRKIRKARA FC (4) | 3 FC SANTA COLOMA (2) |
|---|---|
| Lovison E, Vukanac N, Nisevic B, Bajada S (Tabone A 74min), Decesare A, Cilia T (Buhagiar A 81min), Fenech P, Zerafa J (Pulo K 67min), Muscat R, Paris T, Galea M | Fernandez R, Gil Francesc X, Ayala M, Sonesee O (Sanchez G 77min), Garcia D (Bodjo 54min), Urbanti N, Jimenez M, Sanchez A, Urbani M S, Martin F S, Ribolleda D (Garcia J 46min) |

**Skurjaw** - Galea M (B) 9min, 31min, Urbani M (SC) 21min, 85min, Cilia T (B) 34min, 45min, Jimenez 44min
**Imwissija** - Garcia, Sanchez, Decesare, Vukanac, Urbani MS
**Referee** – B. Madden (Skozja)



Wieħed mill-ħafna attakki ta' Birkirkara fuq it-tim ta' Santa Coloma

## Birkirkara ma sabu l-ebda diffikultà jegħlbu lil FC Santa Coloma Champions ta' Andorra 4-3 biex b'hekk għaddew bl-akbar aggregate li qatt ikkwalifika bih tim Malti dak ta' 7-3 li seta' anke kien aktar.

Din il-logħba kienet it-tieni leg mill-ewwel rawnd ta' kwalifikazzjoni taċ-Champions League.

Wara li ngħataw rebħa ta' 3-0 b'walkover fl-ewwel leg il-ġimgħa li għaddiet għaliex il-grawnd kien perikoluż biex jintlagħab il-futbol fuqu, iċ-champions Maltin Birkirkara niżlu għal partita li ftit kellha ttihom diffikultà kontra dan it-tim minn Andorra biex eventwalment kisbu post fit-tieni rawnd ta' kwalifikazzjoni tal-UEFA Champions League. Issa jridu jilagħbu kontra ċ-Champions tas-Slovakkja MSK Zilina.

Birkirkara bdew tajjeb u kellhom żewġ okkażjonijiet fl-ewwel tmien minuti fejn Galea u Bajada impenjaw lil Fernandez b'konklużjonijiet tajbin.



Plejer ta' Birkirkara jittakilja plejer taċ-Champions ta' Andorra (ritratti – Brian Grech)

Fid-disa' minuta, Birkirkara marru fil-vantaġġ meta minn kross ta' Bajada, il-ballun ixxellef minn Vukanac u wasal għand MICHAEL GALEA li minn żewġ passi bogħod poġġa l-ballun fix-xibka.

Fit-12-il minuta, Birkirkara reġgħu resqu viċin meta xutt ta' Decesare spiċċa imblukkat mid-difiża ta' Santa Coloma. Iżda fl-ewwel azzjoni tagħhom, it-tim mill-Andorra ġab id-draw meta żball difensiv ta' Nisevic ta l-ballun lill-attakkant ta' Santa Coloma URBANI li ma kellux diffikultà jegħleb lil Lovison.

Iżda fil-31 minuta, Birkirkara reġgħu marru fil-vantaġġ meta pass ta' Bajada spiċċa għand MICHAEL GALEA li b'logħob sabiħ reġa' għeleb lil Fernandez. Fl-34 minuta, CILIA għamilhom 3-1 minn cross ta' Paris.

Hawn il-partita dehret mirbuħa u mitlufa. Iżda fl-44 minuta, Santa Coloma reġgħu naqqsu d-distakk minn free kick ta' JIMENEZ li għalkemm devjat spiċċa fix-xibka. Birkirkara ma damux wisq ma reġgħu fethu vantaġġ ta' żewġ goals meta TREVOR CILIA skorja mill-viċin wara azzjoni ta' Bajada.

It-tieni taqsima kienet waħda pjuttost kwieta u kellna nistennew sal-75 minuta għal azzjoni ta' goal meta Cilia spara għoli wara li qabeż lil Fernandez. Minuta wara free kick ta' Jimenez spiċċa devjat tajjeb minn Lovison.

Fil-85 minuta, Santa Coloma kisbu goal ieħor ta' konsolazzjoni meta URBANI kkonkluda mill-viċin iżda kien kollu għalxejn għaliex Birkirkara għaddew b'faċilità.